Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **44** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Erbgħa 16 ta' Jannar 2013 fis-6.00p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja (daħal għall-laqgħa fis-6.45pm) |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Claudine Fenech |

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 43.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2013.
6. Approvazzjoni tal-*Performance bonus* għall-impjegati tal-Kunsill Jannar – Diċembru 2012.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

**Il-laqgħa ġiet imexxija mill-Viċi Sindku fl-assenza tas-Sindku.**

**Il-laqgħa bdiet fis-6.25p.m.**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 43(1) tat-18 ta' Diċembru 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi item # 3.3 trid tiżdied din is-sentenza u għandha tinqara hekk:

*"Dan il-proġett kien diġa approvat mill-Kunsill sentejn ilu".*

1.1.2 Il-Kunsillier s-Sur Lawrence Ciantar qal li item # 1.1.2 għandu jinbidel u jinqara hekk:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li item #3.22 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara hekk".*

1.1.3 Il-Kunsillier s-Sur Lawrence Ciantar qal li item # 1.1.3 għandu jinbidel u jinqara hekk:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li item #1.1.1 għandu jitneħħa l-aħħar paragrafu".*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li item # 5.2.1 għandha tiżdied din is-sentenza u tinqara hekk:

*"Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi l-orħos offerent (peress li l-Kuntrattur WM Environmental Ltd kien ġie eliminat peress li ma kienx technically compliant) li kien ELC Ltd kien technically and administratively compliant pero` kien hemm diversi kjarifiki illi l-bord ried jagħmel, fil-fatt dawn il-kjarifiki ntbgħatu lill-offerent u hu rrisponda fi żmien stipulat li kien sas-17 ta' Diċembru 2012. Huwa qara il-kjarifiki li ntbgħatu u r-risposta li rċevejna (kopja annessa)".*

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ssekonda.**

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 43(1) tat-18 ta' Diċembru 2012:**

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq din l-item #3.4 jekk kellniex kuntatt jew xi risposta mingħand is-Sur Muscat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li pruvajna kemm il-darba nċemplulu s-Sur Muscat, pero` qatt ma kien hemm tweġiba min-naħa tiegħu.

Il-Kunsill approva unanimament li niktbulu ittra biex issir laqgħa miegħu malajr kemm jista` jkun.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qajjem il-punt fuq item # 2.2 fejn reġa spjega li ma kienux saru dawn il-korsijiet minħabba nuqqas ta' konkorrenza, pero` issa nġabret il-konkorrenza meħtieġa sabiex jibdew dawn il-korsijiet tal-*first aid.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier li peress li kellna konkorrenza kbira għal-korsijiet tal-kompjuter u l-*training centre* se jkun hemm għaddejjin diversi lezzjonijiet f'diversi ħinijiet, sabiex jiċċekja sew meta se jkun disponibbli l-post.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri rrisponda li t-*training centre* huwa wisq żgħir għal dan it-tip ta' kors, allura aħjar ikun post bħas-sala tal-Kappillan jew it-tinda ta' Grabiel.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri fakkar lill-Kunsill li l-ħlas ta' dan il-kors se jkun ta' €33, fejn €10 minnhom se jiġu ssusidjati mill-Kunsill, filwaqt li l-kumplament jitħallas mir-residenti.

Il-Kunsill approva unanimament.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qajjem il-punt fuq item # 2.3 fejn informa lill-Kunsill, li l-attivita` saret u nġabru l-fondi għall-Istrina, fejn iċ-ċekk ta' €80 ġie ppreżentat.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li ġie mitlub minn xi residenti sabiex insibu xi post sabiex isiru attivitajiet ta' *judo* u tip ta' sports simili fil-lokalita` tagħna, u jekk xi ħadd mill-Kunsill ikun jaf b'xi post għall-kiri sabiex jiġbidlu l-attenzjoni.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qajjem il-punt fuq item #1.1.1., fejn qal li hu ried ifihem lill-Kunsill li din it-talba li saret min-naħa tiegħu fuq mozzjoni numru 370 hija miftuħa għad-diskussjoni tal-Kunsill fejn hu qed jitlob li meta jkollna fil-futur talba sabiex il-karrozzi li jaħdmu bl-elettriku u għalhekk dawn ikunu jridu jiċċarġjaw il-batterija tal-vettura intuhom approvazzjoni sabiex isirilhom *reserved* parking fit-triq tagħhom, ovvjament dejjem bl-approvazzjoni tat-TMalta. Is-Sur John Baptist Camilleri semma wkoll li r-*reserved parking* tista` wkoll tkun għal ċertu ħinijiet matul il-ġurnata u mhux neċessarjament il-ġurnata kollha. *Dan* wara li resident ikun għamel kuntratt sabiex jixtru karozza ta' din ix-xorta. Min ibiegħ il-karozza titneħħilu r-*reserved parking.* Għandna noħolqu limitu li jekk ikun hemm ħafna fl-istess triq, allura ma jkunx hemm aktar minn tnejn *reserved* fl-istess triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li it-TMalta toħroġ *policy* għal Malta kollha, fuq ħaġa bħal din, fejn il-Kunsill ikun fl-obbligu li jimxi mal-*policies* li jipproponu huma.

Il-Kunsilliera s-Sinjuri Daniel Spiteri, kif ukoll is-Sur Lawrence Ciantar qalu li jaqblu mal-kunċett tagħha pero` se tinħoloq aktar problemi ta' parkeġġ fil-lokalita.` Is-Sur Ciantar qal ukoll li aħjar nistennew il-parir min-naħa tat-TMalta ħa naraw x'jaħsbu fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li l-Kunsill għandu dejjem jimxi mal-*policies* li joħroġ it-TMalta, pero` jista` l-Kunsill ta' Marsaskala jkun l-ewwel Kunsill li jagħmel din il-ħaġa fil-lokalita` tiegħu u m'hemmx għalfejn noqgħodu nistennew lokalitajiet oħra.

❖ ***Is-Sindku daħal għall-laqgħa fis-6.45p.m. u ppresieda l-laqgħa.***

2.5 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa għalfejn item #7.1 fejn kienet mozzjoni numru 371 u qed nitolbu li ssir *zebra crossing* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas qed nerġgħu nitolbuha għax fil-passat diġa kienet saret talba simili.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-TMalta mhux se ttina approvazzjoni li ssir għax f'dik it-triq m'hemmx bankina u allura mal-mozzjoni wieħed irid jikkunsidra wkoll il-bżonn li ssir bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq ta' 'l fuq minn 200 metru fuq kull naħa. Apparti minn dan, wara *site inspection* jista` jkun wkoll li jkollna problema jekk issir il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien hemm mozzjoni mis-Sindku sabiex issir din il-bankina u jekk il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed allura naqsmuha fi tlett biċċiet u nibdew bil-biċċa fejn trid issir din iż-*zebra crossing*.

Is-Sindku ppropona li nitolbu għall-fondi tal-UIF u qal li dik triq distributorja, għalkemm m'hiex imniżżla hekk għax dik hija l-unika triq li tgħaqqadna maż-Żejtun u tintuża minn maġġorparti tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li nitolbu lit-TMalta sabiex tagħmel din il-bankina, għaliex jekk għad baqa` xi fondi tal-UIF għandhom jintużaw għal-bankina u d-dwal fiż-Żonqor, li kienu diġa ġew approvati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu qed jiddedika madwar 40 siegħa fuq xogħol tal-ERDF 212 u tal-Gal Xlokk u l-flus għal proġetti tal-Misura 313 li jammonta għal €295,000 li mhux se jtuhomna minn qabel, anzi l-Kunsill irid l-ewwel joħroġ il-flus mill-fondi tal-Kunsill umbagħad jiġu rifonduti madwar xahar sa xahrejn wara. Il-UIF jimxi bl-istess mod u l-Kunsill mhux se jkun f'pożizzjoni għal din is-sena li joħroġ dawn l-ammonti kollha f'daqqa, għaliex jekk isir hekk ikollna problema ta' *cashflow*.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li hemm ukoll il-proġetti ta' *resurfacing* fi Triq il-Bidni li jrid isir qabel it-tmiem ta' din il-leġislatura.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Risposta mingħand it-TMalta rigward Trejqet ix-Xibka (35/0015/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*email* li rċivejna mingħand is-Sur Simon Grima ta' TMalta, fejn qed jinfurmana li t-TMalta ġiet infurmata mill-MEPA li din it-triq mihiex skemata u TMalta għandha l-obbligu biss li tagħti wiċċ lit-toroq li jsiru għall-ewwel darba, wara li t-triq tkun iffurmata sew mill-iżviluppaturi ta' dik it-triq, pero` dan l-obbligu huwa biss fuq toroq skemati, allura f'dan il-każ ir-residenti biss ta' dik it-triq jistgħu jagħmli *PC application* lill-MEPA jekk jixtiequ li jinbeda l-proċess biex it-triq tiġi skedata.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri informa lill-Kunsill li dik it-triq lanqas sistema tad-drenaġġ ma fiha, imma fossa tad-drenaġġ li tiġi mnaddfa kull tant żmien. Huwa qal li dik triq qegħda madwar sular u nofs 'l isfel u meta tagħmel ix-xita jinżel l-ilma minn Triq l-Iskal kollu ġo fiha. Huwa ppropona li jsir xi tip ta' *gutter* jew *hump* jew xi ħaġa sabiex ma jerqux.

Il-Viċi Sindku ppropona li ninfurmaw lir-residenti ta' dik it-triq u ntuhom kopja ta' din l-ittra u ngħidulhom xi jridu jagħmlu.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 **Memo 60/2012 – Allegati Abbużi fil-Lokalitajiet fuq id-Dwal tat-Toroq (35/7526/12/I):**

Is-Sindku qara l-memo għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn il-Korporazzjoni Enemalta tat avviż lill-Gvern Ċentrali li qed issib apparat u lampi mqabbda mas-sistema tad-dawl mingħajr l-awtorizazzjoni tal-istess Korporazzjoni. Dan hu abbuż u meqjus bħala serq fil-konfront tal-Enemalta.

3.3 **Rapport ta' ħsara fuq vettura fi Triq tal-Gardiel mingħand resident (35/7521/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal l-*emails* li kienu ntbagħtu mingħand dan l-individwu fejn qed jitlob rimbors ta' €189 fuq tqattiħ ta' tyre li sar fi Triq tal-Gardiel. Is-Segretarju Eżekuttiv fiehem li skond ir-ritratti li bagħat, l-aċċident ma sarx minħabba ħofra fit-triq, kif qed jallega hu imma biċċa mir-*rubber hump* nieqsa u s-Segretarju Eżekuttiv kien talbu wkoll rapport tal-pulizija fejn is-Sur Galea qal li rapport ma kienx sar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma rċeviex risposta wara l-kummenti mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv u fil-każ iżomm lill-Kunsill infurmat.

3.4 **Gafa Saveway Cleaners ltd (35/7433/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mill-Gafa Saveway Cleaners Ltd., fejn qed jitolbu sabiex jgħollu r-rata tal-ħin minn €5.80 is-siegħa għal €5.93.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk fil-kwotazzjoni mitfugħa kienx hemm fejn seta jitlob iż-żieda wara ċertu żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm din il-klawsola.

Il-Kunsill approva unanimament li ma naċċettawx li togħla r-rata fil-każ li l-kuntrattur ma jaqbilx li r-rata tibqa` l-istess, noħorġu sejħa għall-kwotazzjoni ġdida.

3.5 **Permess għall-imwejjed u s-siġġijiet – Chick King No 42, Triq ix-Xatt (35/7403/12/I):**

Il-Kunsill approva unanimament li jinħareġ dan il-permess, basta jibqa fil-linja ta' 1.5 metru bankina bħall-oħrajn.

3.6 **Skala ġdida għas-Sinjura Claire Attard :**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-iskrivana s-Sinjura Claire Attard ila taħdem mal-Kunsill bħala *full timer* għal dawn l-aħħar tliet snin u b'hekk waslet sabiex jiġġedded il-kuntratt tagħha u barra minn hekk togħla skala minn 15 għal skala 13.

Il-Kunsill approva unanimament kemm it-tiġdid tal-kuntratt, kif ukoll iż-żieda fl-iskala.

3.7 **Risposta mingħand MC2 Architects għan-nom ta' Alex Cutajar (35/0055/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza li rċivejna mingħand MC2 Architects għan-nom tas-Sur Alex Cutajar fejn qed jgħid li fil-laqgħa tal-Kunsill numru 42 is-Sur Matthew Pace talab id-devoluzzjoni ta' biċċa art ta' quddiem l-istabbiliment u fejn MC2 Architects qed ifakkruna li f'dik il-biċċa art hemm talba mis-Sur Cutajar sabiex isiru it-tankijiet tal-gas taħt l-art u b'hekk mingħajr id-devoluzzjoni ta' l-art ma tistax issir it-talba tat-tankijiet.

Is-Sindku qal li hu kien mingħalih li t-tankijiet tal-gas se jsiru fil-parti l-oħra, pero` kien żbaljat għax it-tnejn qed jitlobu għall-istess parti, dik il-parti l-kbira ta' quddiem l-istabbiliment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ma jaqbilx li jsiru dawn it-tip ta' *gas chamber* f'post viċin il-bandli fejn ikun hemm ħafna tfal u bl-ebda mod mhux se jħalli lill-ELC jużaw il-mutur tal-ħart f'dik il-parti filkaż li jkun hemm tank tal-gas.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk ma nagħtux it-titlu ta' l-art lis-Sur Cutajar, allura hu ma jkunx jista` japplika għal-permess għat-tankijiet tal-gas, skond kif hemm spjegat fl-ittra tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li veru li l-Kunsill huwa biss l-amministratur ta' din il-biċċa art, għax fil-fatt id-devoluzzjoni hija dejjem tal-Lands, imma xorta waħda l-Lands se titlob l-opinjoni tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Huwa tal-fehma li m'għandniex naqblu fuq dan il-punt li nagħtu d-devoluzzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qabel mas-Sur Gatt u qal ukoll li għandna niktbu li l-amministratturi li dik il-biċċa art tibqa' tal-Kunsill u li l-Kunsill ma jaqbilx lanqas li jsiru t-tankijiet tal gas minħabba l-periklu. Huwa qal ukoll li kif kien qal fil-laqgħa ta' qabel naħtru bniedem kwalifikat biex jagħtina l-opinjoni tiegħu fuq tankijiet ta' dan it-tip.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri hu tal-fehma li ma jingħatax permess għat-tankijiet tal-gas għax f'dik il-parti tal-lokalita` huwa mdawwar bil-ħwienet u jekk se nagħtu permess lil wieħed irridu nagħtu lill-oħrajn u b'hekk il-bandli se jiġi mdawwar b'dawn it-tankijiet. Min irid tankijiet bħal dawn jista` jagħmilhom fuq il-bjut.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li jekk dawn it-tankijiet huma daqshekk siguri, allura dawn jistgħu jsiru fil-propjeta` fejn għandhom l-imwejjed u s-siġġijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li jekk iridu li jitolbu għad-devoluzzjoni biex jagħmlu t-tankijiet tal-gas, allura jitolbu lill-Lands u aħna noġġezzjonaw għax l-art hija pubblika u qegħda viċin il-bandli u hemmhekk huwa post li jsir ħafna attivita` u jippruvaw isibu alternattivi oħra.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-ELC qed iħalli tnejn min-nies dejjem stabbiliti fil-lokalita` l-ġurnata kollha u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kien iltaqa` magħhom u daru l-kuntratt kollu u wara daru s-*soft areas* u ġonna kollha tal-lokalita`.

## 3.8 Attivitajiet għas-Sena 2013 (35/0081/13/0):

Il-Laqgħa ġiet sospiża sabiex is-Sur Alfred Debono jkun jista` jitkellem.

Is-Sur Alfred Debono preżenta lista ta' attivitajiet li se jsiru għal din is-sena.

1. Fis-27 ta' Jannar, 2013 se ssir it-tifkira ta' Charles Clews fejn se ssir quddiesa u se jkun hemm programm sħiħ ta' attivita`.

Għal dan il-Kunsill għandu bżonn li jinkera P.A. System, tindif fil-ġnien, kif ukoll 4 bnadar mad-dawra.

2. Fl-4 ta' Frar, 2013 se jiġu grupp ta' Ċiniżi fis-sala Sant'Anna (Dan se jsir minnflok il-programm tas-soltu tal-karnival)

Għal dan il-Kunsill għandu bżonn li nikru s-sala tal-Kappillan, kiri ta' dawl, kiri ta' sawnd, xi tip ta' talent malti.

Is-Sur Alfred Debono nforma lill-Kunsill li jrid isir ħlas ta' €200 lill-Kappillan għal dawn ir-raġunijiet:

- Użu tal-Knisja u dawl għar-*rehearsal* tal-Kunċert li sar fil-21 ta' Diċembru
- Użu tas-sala u dawl għall-*party* tat-tfal li sar fis-27 ta' Diċembru
- Użu tas-sala u dawl għall-Ikla għall-Anzjani
- Użu tas-sala u dawl għal-programm taċ-Ċiniżi

3. Se ssir esebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira – fejn il-Każin tal-Banda qed jitolbuna €235 għal-*printing* tal-*poster* u l-*leaflet*.

Il-Kunsill qabel li jagħtuna l-*art work* u l-*printing* nagħmluh aħna basta jkun hemm il-logo tal-Kunsill fuq ir-reklamar li se jsir. Ix-xogħol għandu jsir b'kollaborazzjoni magħhom.

Is-Sur Alfred Debono qal li attivitajiet oħra ssuġġeriti huma waħda Marittima li ssir għal ħabta ta' Mejju mitluba mill-Ministeru u l-oħra Arti fil-Beraħ li għad qed nistennew hux ser tingħata għajnuna finanzjarja biex jibda jinħadem dan il-programm.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn l-attivitajiet.

3.9 **Talba għal sleeping policeman fi Triq Sant'Anna (35/0137/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* mibgħuta mis-Sinjuri Katarzyna Pysz u Jeremiah Baldacchino, fejn qed jitolbu li ssir *sleeping policeman* fi Triq Sant'Anna.

Il-Kunsill ma qabilx mat-talba tas-Sinjuri u b'hekk approva unanimament li joġġezzjona u dan minħabba li l-Kunsill kien irċieva diversi lmenti mill-istess triq minħabba t-tappieri li hemm eżistenti, aħseb u ara bl-introduzzjoni ta' *sleeping policeman.*

3.10 **PC0040/12 – Arti fi Triq il-Btieti:**

Is-Sindku spjega l-laqgħa ma' l-uffiċjali tal-MEPA kienet saret fejn kien preżenti s-Sindku u l-Kunsillier is-Sur George Farrugia. Irriżulta li l-post kien fil-parti ta' ġewwa tat-triq imsemmija u ma kienetx se tkun ta' ostaklu, anzi l-kuntrattur kien se jirtira 'l ġewwa u mhux il-barra kif ħsibna.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.11 **Bus Shelter fi Pjazza Dun Tarċis Aġius:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li konna bagħtna korrispondenza għall-attenzjoni tas-Sur Ivan Pierre Vella mit-TMalta sabiex jinqala dak il-*bus shelter* li hemm fi Pjazza Dun Tarċis u jinbidel ma wieħed modern peress li l-asbestos huwa perikoluż għas-saħħa u dan wara li sar artiklu f'wieħed mill-ġurnali. Is-Sur Ivan Pierri Vella kellu jibgħat Perit fuq il-post u kellu jiddetermina jekk jaqax taħt ir-responsabilita` ta' TMalta.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li meta kien Sindku hu u bdew ibiddlu l-*bus shelters* kollha tal-lokalita`, l-Kunsill kien talab sabiex flok dak li hemm fi Pjazza Dun Tarċis isir wieħed doppju bħal dak ta' Pjazza Mifsud Bonniċi, u kienu oġġezzjonaw li jbiddluh għax qalu li dak *bus shelter* kien ta' żmien il-gwerra.

Is-Sindku ppropona sabiex jinbidel għax issa sar antik u ikrah, jekk mhux skedat.

Il-Kunsill approva unanimament u għandha tintbagħat korrispondenza.

3.12 **Laqgħa Ġenerali tad-Douzelage f'Bellaggio f'Mejju 2013:**

Is-Sindku qal li f'Mejju li ġej se ssir il-laqgħa ġenerali tad-Douzelage f'Bellaggio.

Ir-rappreżentanti se jkunu s-Sindku s-Sur Mario Calleja, l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u bħala studenti tal-mużika u l-*catering* se jkunu is-Sur Matthew Charles Zammit u s-Sinjorina Sefora Grech.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar hu ta' l-opinjoni li r-rappreżentanti jsiru mill-Kunsill il-ġdid elett.

Is-Sindku qal li ma jimpurtax li jekk xi ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma jerġgħux ikunu eletti, xorta waħda jistgħu ikunu rappreżentanti tad-Douzelage, u barra minn hekk aktar ma naqtgħu il-biljett ta' l-ajru malajr, aktar niffrankaw.

Il-Kunsill qabel unanimament li titla din id-delegazzjoni.

3.13 **Stima tal-Perit għal-Bidni (35/0229/13/I):**

Is-Sindku qara l-istima tal-Perit għan-naħa tal-Bidni. Huwa qal li mill-aħħar stima li kien għamel il-Perit kienu biddlu xi triqat fejn żiedu biċċiet li hemm aktar residenti joqgħodu u naqqsu partijiet li m'hemmx nies. Se jsiru żewġ faxxex bil-konkos fil-ġnub u faxxa tarmak fin-nofs u se jiġu jammontaw għal €74,279.55. Is-Sindku qal ukoll li barra il-Bidni se jsir ukoll l-aħħar parti minn Triq il-Qaliet u biċċa minn Triq tal-Gardiel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk kellniex stima tal-perit għal dawn it-toroq, ċioe` parti minn Triq il-Qaliet u parti minn Triq tal-Gardiel.

Is-Sindku wieġbu li stimi m'hemmx, pero` kien diġa tkellmu fuqhom kemm il-darba.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li f'zone E skond il-pjanti, hemm parti żejda li m'hemmx għalfejn issir u kull m'hemm gandott x'jitranġa. U f'dan il-każ nistgħu nżidu parti mit-triq it-twila ta' Triq il-Bidni. Huwa qal li f'Zone B hemm biċċa nieqsa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-Kunsill kien qabel f'seduta preċedenti li għalisa ssir it-triq prinċipali għax veru li l-ebda triq mhi żejda, imma l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jagħmel kollox f'daqqa u anke Triq il-Qaliet u Triq tal-Gardiel ma kienux imniżżla, mhux għax mhux priorita`, imma finanzi kif kien qal diġa m'hemmx.

Is-Sindku enfasizza li Triq tal-Gardiel importanti aktar minn tal-Bidni bil-ħofor li hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għal ħabta ta' Diċembru spiċċaw il-finanzi tal-Kunsill u konna se nużaw il-*fixed* tal-Kunsill u issa se nonfqu mill-budget u fl-ebda ħin il-Kunsill ma qal li noħorġu l-*fixed* tal-Kunsill.

Is-Sindku rrisponda li ma tagħmilx sens li hemm il-flus il-bank u ma nużawhomx meta qed jinkissru l-karozzi kulljum.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li Triq il-Qaliet saret qabel il-bandli għax kienet priorita`, imma issa Triq il-Qaliet m'għadhiex priorita` u rridu nimxu pass pass. Triq tal-Gardiel jifhem li hi priorita` għax sfronduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bil-fondi li għandna allokati ma nistgħux nagħmlu li rridu u li noqgħdu attenti u bil-għaqal, għax l-allokazzjoni min-naħa tal-gvern baqgħet l-istess u l-kuntratturi jiżdiedu u allura in-nuqqas ta' fondi jitnaqqsu dejjem mill-ammont allokat għal xi proġett kapitali bħalma huma *resurfacing* tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li d-deċiżjoni ta' kemm se jsiru toroq għandha tittieħed wara li jispjega l-budget.

3.14 **Korrispondenza mingħand is-sur Trevor Agius (35/0238/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mis-Sur Trevor Agius fejn qed jitlob €80 għall-ispejjeż tal-posters u tad-djarju li jiġi mtella wirja ta' vari tal-ġimgħa l-Kbira.

Il-Kunsill approva unanimament li nħallsu dan l-ammont u jġibilna r-reklam fuq id-djarju li kien b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

3.15 **Korrispondenza mingħand is-Sur Alex Cutajar (35/0238/13/I):**

Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta mis-Sur Alex Cutajar fejn qed joġġezzjona għal-ġeneratur stazzjonat fi Triq Sant'Anna mis-Sur Matthew Pace.

Is-Sindku ppropona sabiex jikkontatja lis-Sur Matthew Pace biex iressaq il-ġeneratur lejn il-propjeta` tiegħu.

Il-Kunsill approva unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi fl-iskeda tal-pagamenti Nru 42 kien hemm pagament numru #2133 ġie kkanċellat.

Il- Sindku ppropona l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsillier s-Sur Sandro Gatt issekonda.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2013:***

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega l-budget għas-sena finanzjarja 2013 u rrefera għall-kummenti kollha li hemm imniżżla fil-budget. Il-budget inħadem flimkien ma' l-*Accountant* tal-Kunsill wara li saret referenza għall-infiq li kien sar fis-sena 2012, kif ukoll ittieħdu inkonsiderazzjoni l-kuntratti l-ġodda u l-kuntratti l-oħra li se jiskadu matul is-sena 2013.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-flus iż-żejda li kienu ntefqu fi Triq il-Qaliet bl-approvazzjoni tal-Kunsill fis-sena 2012 mhumiex antiċipati li se jidħlu fis-sena 2013 għaliex il-Kunsill fis-sena 2013 gandu diġa diversi proġetti kapitali xi jwettaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizza fuq il-proġett tal-Misura 313 li jinvolvi l-*leisure park* fiż-żona San Tumas fejn dan il-proġett se jinvolvi 3 tenders, liema pagamenti se jinqasmu fi 3 fażi fejn il-Kunsill l-ewwel iħallas lill-kuntrattur umbagħad jitħallas mill-*Paying Agency*. Għaldaqstant il-Kunsill irid joqgħod attent għal *cash flow* u l-probabbilta` li jsiru proġetti tal-UIF din is-sena tkun diffiċli. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li ttieħdu inkonsiderazzjoni l-estimi ta' dħul u nfiq kollha kien għad fadal is-somma ta' €47,000 għal kostruzzjoni ta' toroq u kien qed jiġi propost li jintefqu €40,000 għal Bidni u €7,000 fi Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-istima tal-Perit għal Triq il-Bidni tammonta għal €74,279 mentri fil-budget hemm allokat €40,000, filwaqt li m'hemmx imniżżel stima għal Triq il-Qaliet. Jekk il-Kunsill għal darb'oħra ikun irid iwettaq ix-xogħol kollu, dan ifisser li l-Kunsill għas-sena 2013 se jkun qed jonfoq iktar milli jdaħħal u se jkun jista` jagħmel hekk billi jerġa jieħu mill-*Fixed Account* li kienu l-flus mfaddla għal-bini tal-Kunsill.

Kien hemm qbil ~~unanimu~~ li l-proġett tal-Bidni jsir kollu, kif ukoll parti minn Triq tal-Gardiel u Triq il-Qaliet.

Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv se jkollu jemenda l-Budget u jerġa jgħaddih fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sindku qal li wara l-proġett tal-Miżura 313, kif ukoll il-proġett tal-Bidni, l-leġislatura li jmiss għandha tħares biex jinbeda l-proġett tal-bini ta' l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill.

6.0 ***Approvazzjoni tal-Performance Bonus għall-impjegati tal-Kunsill (Jannar – Diċembru 2012):***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*performance bonus* għall-impjegati kollha inkluż is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għal Jannar – Diċembru 2012.

Il-Kunsill approva unanimament li jingħataw il-massimu possibli.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mozzjoni.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

- Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li bħal kull l-aħħar ta' leġislatura ssiru xi tip ta' tokens bħala ringrazzjament lill-Kunsilliera li qdew id-doveri tagħhom għal din il-leġislatura.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00p.m.

**Josef Grech**
Segretarju Eżekuttiv

~~**Mario Calleja**~~ Charlot Mifsud
Si~~ndku~~ Viċi Sindku